

EUROPA TOURS 2027

Fatima & Portugal’s Hidden Gems

A	**16-20 ta’ April**	**B**	**14-18 ta’ Mejju**	**C**	**25-29 ta’ Ġunju**
D	**3-7 ta’ Settembru**	**E**	**17-21 ta’ Settembru**	**F**	**15-19 ta’ Ottubru**

Skopri l-qalb spiritwali ta’ Fátima u s-seħer tal-Portugall, bejn bliet storiċi, irħula pittoreski u veduti mill-isbaħ.

L-Ewwel Jum - Nazaré u Fátima

Niltaqgħu fl-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta **fis-06.30** għat-titjira diretta tar-Ryanair **FR9654** lejn Lisbona, li titlaq fit-08.45 u tasal fil-11.10, ħin lokali. Minn hemm nibdew il-vjaġġ tagħna bil-kowċ lejn **Nazaré**, belt tradizzjonali tas-sajjieda fuq il-kosta Atlantika. Ingawdu l-veduti panoramiċi minn **Sítio** u mill-**Miradouro do Suberco**, qabel ninżlu lejn ix-xatt għal ftit ħin liberu. Aktar tard inkomplu lejn **Fátima**, fejn nieħdu l-kmamar tagħna fil-**Hotel Santa Maria (4★)**, ftit passi ’l bogħod mis-Santwarju. Ċena fil-hotel.



NAZARÉ

It-Tieni Jum - Valinhos u Aljustrel

Wara l-Buffet Breakfast, immorru lejn **Valinhos u Aljustrel**, fejn nimmeditaw fuq il-Via Crucis u nżuru d-djar tat-tliet rgħajja ċkejknin, Lúcia, Francisco u Jacinta. Inkomplu lejn il-Knisja Parrokkjali fejn tgħammdu t-tliet rgħajja, qabel nirritornaw lejn Fátima għal ftit ħin liberu għall-ikel u għax-xiri ta’ souvenirs. Wara nżuru **Cova da Iria**, il-**Kappella tad-Dehriet**, il-**Bażilika tar-Rużarju**, fejn jinsabu l-oqbra tat-tliet rgħajja, u l-**Bażilika tat-Trinità Qaddisa**. Ċena fil-hotel. Filgħaxija ninżlu mat-tour leader biex nassistu għar-Rużarju Internazzjonali u għall-purċissjoni bix-xemgħat, skont il-programm tas-Santwarju.

It-Tielet Jum - Porto

Wara l-Buffet Breakfast, nitilqu għal eskursjoni ta’ ġurnata sħiħa lejn **Porto**, belt mimlija seħer fuq ix-xtut tax-Xmara Douro. Mal-wasla ninżlu lejn **Cais da Ribeira**, fejn naraw id-djar ikkuluriti u l-famuż pont **Dom Luís I**. Min jixtieq jista’ jagħmel is-**6 Bridges River Cruise** (extra) biex igawdi l-veduti tal-belt mix-xmara. Wara nkomplu lejn iċ-ċentru storiku, fejn naraw il-Katidral, l-Istazzjon ta’ **São Bento**, magħruf għall-madum dekorattiv tiegħu, **Praça da Liberdade** u t-**Torri ta’ Clérigos** minn barra. Ikollna ħin liberu għall-ikel u għax-shopping qabel nirritornaw lejn Fátima. Ċena fil-hotel.



PORTO

Fatima & Portugal’s Hidden Gems

APRIL - OTTUBRU 2027

Ir-Raba’ Jum - Grutas da Moeda u Aveiro

Wara l-Buffet Breakfast, nitilqu lejn **Grutas da Moeda**, fejn min jixtieq jista’ jżur dawn l-għerien (extra) u jgawdi l-formazzjonijiet tal-blat u l-galleriji naturali tagħhom. Inkomplu lejn **Aveiro**, belt mal-laguna **Ria de Aveiro** li spiss tissejjaħ il-**“Venezja tal-Portugall”**. Mat-tour leader nagħmlu mixja fiċ-ċentru u naraw uħud mill-binjiet sbieħ fl-istil Art Nouveau. Min jixtieq jista’ wkoll jagħmel dawra mal-kanali fuq dgħajsa tradizzjonali **Moliceiro** (extra). Wara nirritornaw lejn Fátima. Ċena fil-hotel u wara ninżlu ħdejn il-Kappella tad-Dehriet.



AVEIRO

Il-Ħames Jum - Lisbona

Wara l-Buffet Breakfast u ċ-check-out, inħallu Fátima u nitilqu lejn **Lisbona**, il-kapitali tal-Portugall. Nibdew iż-żjara tagħna f’**Belém**, fejn minn barra naraw it-**Torri ta’ Belém**, il-**Monument tal-Iskoperti** u l-**Monasteru ta’ Jerónimos**. Wara nkomplu lejn iċ-ċentru tal-belt, fejn nagħmlu mixja mat-tour leader minn **Praça do Comércio** għal **Rua Augusta**, u nżuru l-pjazez ta’ **Rossio** u **Restauradores**. Ikollna ħin liberu għall-ikel u għall-aħħar shopping, qabel it-transfer lejn l-ajruport għat-titjira tar-Ryanair **FR9655**, li titlaq fit-20.30. Naslu lura Malta **fis-00.40 tal-għada**.



BELÉM

Prezz Kull Persuna

Eskursjonijiet, Half Board u Taxxi tal-Ajruport Inklużi

Kamra għal tliet persuni	**€885**
Kamra għal żewġ persuni	**€890**
Kamra għal persuna waħda	**€980**
Tfal sa 11-il sena li jaqsmu l-kamra ma’ żewġ adulti	**€770**

Il-prezz jinkludi

- Titjiriet diretti bir-Ryanair
- Bagalja ta’ 20 kg u basket żgħir li jidħol taħt is-seat
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm
- 4 iljieli fil-Hotel Santa Maria (4★)
- Buffet Breakfast u ċena kuljum
- Taxxi tal-ajruport
- Tour leader
- Insolvency protection

Il-prezz ma jinkludix

- City tax
- Entraturi, cable cars, vjaġġi bid-dgħajsa, ferroviji u spejjeż oħra simili

Jista’ jkun hemm tibdil żgħir fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom.

Staqsi għall-Kundizzjonijiet Ġenerali.